# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Erbgha 25 ta' Ottubru 2017**

**Rikors Numru: 171/2014/2 JPG**
**Kawza Numru: 1**

**Rosario Spiteri ID: 342150(M)**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija u**
**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 101 ghar-ripreza ta' oggetti konfiskati tal-24 ta' Frar 2014 li jaqra hekk:

*"Illi din hija l-procedura specjali prevista mill-Kap 101 tal-ligijiet ta'Malta. It-talba gejja fuq il-kaz ta' Marius Ugo Nwankwo li gie deciz fis-16 ta' Jannar 2014 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)*

*Rosario Spiteri kellu lit-tifla tieghu toqghod mieghu u cioe' lil Daniela Nwankwo li tigi l-mara ta' Marius Ugo Nwankwo. Id-dar tieghu, anke*

*kif tirrizulta mill-karta tal-identita' hija 22, Dar il-Gojjin, Triq Guzi Abela, Zejtun.*

*Illi r-ragel ta' bintu Daniela Marius Ugo Nwankwo kien gie investigat dwar id-droga u l-pulizija, waqt tfittixa fid-dar tal-esponenti, gabret kwantita' ta' flus kontanti illi huwa kien izomm ghandu id-dar u li kienu proprjeta'assoluta tieghu. Waqt il-proceduri kontra Marius Ugo Nwankwo, tnejn u ghoxrin elf ewro minnhom u parti ohra nghataw lill-esponenti. Fil-fatt inzammu elfejn, mija u sebghin ewro (€2170) illi xorta kienu tieghu.*

*Illi l-esponenti kien izomm dawn il-flus kollha ghaliex kien ingidem minn esperjenza mal-bank.*

*Illi dan il-kaz ghalhekk qieghed jigi promoss qabel ghalqu t-terminu ta' tlett xhur previst mil-ligi.*

*Illi l-esponenti jista' igib il-prova in sosten tieghu lill-istess bintu, tit Marius Ugo Nwankwo kif ukoll membri ohra tal-familja illi jghidu kif kienu jzommu l-flus u fejn kien jqeghdhom il-missier. Il-missier cioe' l-esponenti kien jafda lil uliedu u fil-fatt kien halla dawn il-flus f'kamra fejn kienet torqod it-tifla tieghu u dan specjalment peress li huwa anzjan u l-familja tat-tifla kienu aktar ikunu d-dar u jistghu jaghtu protezzjoni.*

*Illi ma hemm l-ebda raguni ghala mis-somma totali ta' erbgha u ghoxrin elf,hames mija u disghin ewro, inghata lura wara ftit taz-zmien l-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf, erbgha mija u ghoxrin ewro u l-kumplament gie mizmum meta kienu kollha flus fl-istess post u bl-istess mod mizmumin mill-esponenti.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jittob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, minkejja dak li hemm ordnat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Jannar 2014 fl-ismijiet il-Pulizija kontra*

> *Marius Ugo Nwankwo, tordna r-rilaxx favur tieghu tal-ammont ta' €2170 illi jinsabu esebiti u li kienu ttiehdu mid-dar tieghu."*

Rat illi l-atti tar-rikors , digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-kontro parti;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija tas-17 ta' Marzu 2014 (a fol. 11 et seq.) li taqra hekk:

1. *"Illi preliminarjament l-esponent jeccepixxi l-inkompetenza ratione materie ai termini ta' l-artikolu **741 (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** stante li l-artikolu 22C tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta taghti biss dritt ta' azzjoni ghal dikjarazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti li proprjeta' konfiskata ma tkunx profitti jew dhul mill-eghmil ta' xi reat, lill persuna misjuba hatja jew it-terza persuna msemmija fl-artikolu 22(3A)(d) ta' l-istess Kap. 101 igifieri **terzi persuni li tkun ghaddiet ghandhom proprieta' immobbli minn meta l-hati jkun gie akkuzat;***

2. *Illi fuq dan il-punt gie ribadit f'diversi sentenzi li:*

   *"Il-procedura kontemplata bl-Art. 22C hija specjali u taghmel eccezzjoni fis-sens li tapplika meta persuna tkun instabet hatja minn Qorti kompetenti ta' reat kontra l-Kap. 101. Ghalhekk ladarba tmur kontra x-xejra tad-disposizzjonijiet generali ta' dik il-ligi fejn si tratta tal-konfiska tal-gid ta' persuna li tikser il-Kap. 101, u sakemm jigu mharsin il-jeddijiet sostantivi tal-portijiet interessati, ghandha tinghata tifsira f'termini stretti u mhux aktar wiesgha minn dak li ried il-legislatur."*

   *" Din il-procedura tapplika ghal ordni maghmula skond l-Art. 22(3A)(d) biss."*

*"Il-procedura hija miftuha kemm ghall-persuna li tkun misjuba hatja kif ukoll ghat-terza persuna li f idejha jkun ghadda l-immobbli"*[1] *(sottolinear ta' l-esponenti);*

3. *Illi r-rikorrenti la huwa l-persuna misjuba hatja u lanqas ma hi terza persuna li ghaddiet ghandha proprjeta' immobbli minn meta l-hati gie akkuzat. Ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni biex tqis dan ir-rikors;*

4. *Illi di piu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba proposta mir-rikorrenti hija ezawrita stante li huwa diga ressaq talba f'dan is-sens permezz tar-rapprezentant legali tieghu lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-15 ta' Mejju 2009 fuq liema talba l-imsemmija Qorti ordnat li jinghata lura l-ammont ta'€22,420 lir-rikorrenti u bintu Daniela Nwankwo filwaqt li jibqghu mizmuma biss €2,170 (vide verbal anness u mmarkat bhala* ***Dok A****);*

5. *Illi huwa evidenti li r-rikorrenti qieghed jipprova jinqeda bl-artikolu 22C tal-Kap. 101, liema artikolu ma jikkontemplax tali azzjoni, sabiex jittenta jissorpassa din l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati u jiehu wkoll dawk it- €2,170 lil-istess Qorti ordnat li jibqghu mizmuma;*

6. *Illi oltre dan u dejjem minghajr pregudizzju, ir-rikorrenti ma ehmez l-ebda dokumenti li seta' jipproduci mar-rikorsipprezentat minnu skont kif jezigi l-artikolu 22C(3) tal-Kap. 101 u lanqas ma ta l-ebda ismijiet tax-xhieda li bi hsiebu jgib skont kif rikjest fl-istess artikolu;*

7. *Illi subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu jigi rilevat li l-prova tal-provenjenza lecita ta' din il-proprjeta' mobbli u l-akkwist lecitu taghha tispetta lir-rikorrent;*

---

[1] *Ara fost ohrajn is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 t'Awwissu 2013 fl-ismijiet Nazzarene Muscat vs Kummissarju tal-Pulizija, App Civ nru 253/2009/1*

8. *Illi fi kwalunkwe kaz ir-rikors promotur huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk l-esponent jopponi l-akkoljiment tat-talba tar-rikorrenti;*

9. *Illi in vista tas-suespost it-talba tar-rikorrenti ghanda tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

10. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri wara li l-esponent ikollu l-opportuniti li jikkontrolla l-provi tar-rikorrent u x-xhieda li kien obligat jelenka fir-rikors u wara li jinghata lilu l-opportunita' li jivverifika d-dokumenti li r-rikorrenti kien obligat jehmez ma' l-istess rikors ai temrini ta' l-artikolu 22C(3) kif fuq inghad."*

Rat ir-replika ta' Rosario Spiteri ghar-riposta tal-intimat u tqajjim ta' kwestjoni tal-1 t'April 2014 (a fol. 15);

Rat il-kontro-replika tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-4 t'April 2014, ghar-replika ta' Rosario Spiteri (a fol. 16 et seq.);

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta'Rosario Spiteri tat-3 ta' Gunju 2015 (a fol. 68 et seq.);

Rat in-nota risponsiva ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija tas-19 ta' Gunju 2015 (a fol. 70 et seq.);

Rat id-decizjoni taghha dwar l-eccezzjoni ta' *rationae materiae* tal-4 ta' Dicembru 2015 (a fol. 80 et seq.);

Rat il-provediment taghha, moghti fil-15 ta' Lulju 2016, (a fol. 97 et seq.);

Rat in-nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali, datata 5 ta' Lulju 2017, (a fol. 76 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Rosario Spiteri ID Nru 342150M, datata 5 ta' Lulju 2017, (a fol. 80 et seq.);

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Din il-kawza kienet originarjamet bdiet bhala kawza civili ordinarja ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' liema r-rikorrent kien qieghed jitlob ir-ripreza ta' flus kontanti konfiskati wara s-sejbien ta' htija fil-konfront tar-ragel ta' bint ir-rikorrenti, liema flus ir-rikorrenti jghid illi huma proprjeta tieghu. Il-Kummissarju tal-Pulizija kien eccepixxa illi din il-Qorti hija nkompetenti *ratione materie* sabiex tiddetermina dan il-kaz u dan peress illi r-rikorrenti la hu l-persuna misjuba hatja u lanqas terza persuna li f'idejha jkun ghadda mmobbli, u ghalhekk l-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 ma jaghtihx dritt ta' azzjoni. Ghalhekk ir-rikorrent ipprezenta kontro-replika permezz ta' liema ippremetta illi jekk dan huwa minnu allura l-ligi hija leziva tad-dritt ta' tgawdija pacifika tal-proprjeta ai termini l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u dritt ghal access ghal Qorti ai termini tal-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjon, u wkoll l-Artikolu 39 (1) u 39 (6) tal-Kostituzzjoni, u ghalhekk il-Qorti kkonvertiet ruhha f'Sede Kostituzzjonali.

Il-kawza odjerna, li hija ta natura civili, kienet giet intavolata mir-rikorrent wara illi kien hemm ordni ta' konfiska fuq ammont ta' flus kontanti li kienu nstabu fid-dar tieghu wara tfittxija li ghamlet il-pulizija waqt li kienet qed tinvestiga r-ragel ta' bintu Daniela Marius Ugo Nwankwo. Mis-somma ta' €24,590 (erbgha u ghoxrin elf, hames mija u disghin ewro) li kienu gew konfiskati, ir-rikorrenti irnexxilu jikseb ir-rilaxx ta' €22,420 (tnejn u ghoxrin elf, erbgha mijja u ghoxrin ewro) permezz ta' rikors intavolat quddiem il-Qorti tal-Magistrati, izda r-rimanenti €2,170 (elfejn, mijja u sebghin ewro) baqghu mizmuma skont l-istess digriet tal-15 ta' Mejju 2009. Huwa fil-konfront ta' dan l-ammont illi r-rikorrenti kien intavola l-proceduri ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk dak li l-Qorti hija mitluba taghmel huwa li tiddetermina jekk il-fatt li l-ligi ma takkordax dritt ta' azzjoni lil terzi persuni ghar-rilaxx tal-proprjeta mobbli taghhom (inkluz flus), konfiskata b'ordni tal-Qorti Kriminali ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, hijiex leziva tad-dritt ghal smiegh xieraq u dritt ghal proprjeta.

**Rigward l-allegata vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq**

Fis-sentenza fl-ismijiet **Golder v. The United Kingdom,** deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fil-21 ta' Frar 1975 intqal illi;

> "***In civil matters one can scarcely conceive of the rule of law without there being a possibility of having access to the courts […] It would be inconceivable, in the opinion of the Court, that Article 6 par. 1 should describe in detail the procedural guarantees afforded to parties in a pending lawsuit and should not first protect that which alone makes it in fact possible to benefit from such guarantees, that is, access to a court. The fair, public and expeditious characteristics of judicial proceedings are of no value at all if there are no judicial proceedings.***"

Skont il-Qorti ta' Strasbourg, id-dritt ghal access ghal Qorti ipoggi fuq spallejn l-Istat anke obbligi posittivi. Filfatt, fis-sentenza fl-ismijiet **Airey v. Ireland** deciza fid-9 ta' Ottubru 1979 intqal illi

> "***In the first place, hindrance in fact can contravene the Convention just like a legal impediment [...] Furthermore, fulfilment of a duty under the Convention on occasion necessitates some positive action on the part of the State; in such circumstances, the State cannot simply remain passive and 'there is [...] no room to distinguish between acts and omissions' [...] The obligation to secure an effective right of access to the courts falls into this category of duty.***"

Aspett importanti tad-dritt ghal smiegh xieraq f'dan ir-rigward huwa l-principju tac-certezza legali, kif gie spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **Beles and others v. The Czech Republic** deciza fit-12 ta' Novembru 2002, fejn intqal illi:

> "***The Court has already stated on a number of occasions that the right to a fair trial, as guaranteed by Article 6 § 1 of the Convention, must be construed in the light of the rule of law, one of the fundamental aspects of which is the principle of legal certainty, which requires that all litigants should have an effective judicial remedy enabling them to assert their civil rights…***"

Din is-sentenza issegwi l-linja ta' hiseb enuncjata fis-sentenza fl-ismijiet **Brumarescu v. Romania** deciza fit-28 ta' Ottubru 1999, fejn il-Qorti ta' Strasbourg kienet osserva tilli

> "***The right to a fair hearing before a tribunal as guaranteed by Article 6 § 1 of the Convention must be interpreted in the light of the Preamble to the Convention, which declares, among other things, the rule of law to be part of the common heritage of the Contracting States. One of the fundamental aspects of the rule of law is the principle of legal certainty, which requires, inter alia, that where the courts have finally determined an issue, their ruling should not be called into question.***"

Huwa principju stabbilit ukoll illi d-drittijiet fondamentali garantit mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni ghandhom ikunu prattici u effikaci, u mhux sempliciment teoretici u illuzorji. Ibbazat fuq dan il-principju, il-Qorti ta' Strasbourg fis-sentenza fl-ismijiet **Bellet v. France** deciza fl-4 ta' Dicembru 1995, ikkonkludiet illi kien hemm ksur tad-dritt tal-applikant ghal smiegh xieraq ghaliex kienet tal-fehma illi mehud kont tac-cirkostanzi tal-kaz u tal-ligi applikabli:

> "***All in all, the system was not sufficiently clear or sufficiently attended by safeguards to prevent a misunderstanding as to the***

> ***procedures for making use of the available remedies and the restrictions stemming from the simultaneous use of them*"**

u li ghalhekk l-applikant ma kellux "*a practical, effective right of access to the courts in the proceedings before the Paris Court of Appeal*."

Fil-kaz *de quo* jirrizulta *ex admissis* mir-risposta guramentata tal-Kummissarju tal-Pulizija ghall-proceduri civili originarjament intavolati mir-rikorrent, illi l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, (li jistabilixxi l-procedura ghar-rilaxx ta' proprjeta konfiskata ai termini tal-istess ligi), ma jaghtix dritt ta' azzjoni lir-rikorrent, u dan peress illi r-rikorrent la hu l-persuna li nstabet hatja mill-Qorti tal-Magistrati u lanqas ma huwa terza persuna li tkun ghaddiet ghandha proprjeta **immobbli** minn meta l-hati jkun gie akkuzat, ghaliex ir-rikorrent qed jitlob ir-rilaxx ta' flus kontanti u mhux ta' proprjeta mmobbli.

Filfatt mhux kontestat illi l-ligi Maltija ma tipprovdix procedura sabiex terzi persuni illi jkunu soffrew konfiska ta' proprjeta mobbli ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jkunu jistu' jiksbu r-rilaxx ta' din il-proprjeta. L-argument tal-intimati huwa proprju li r-rikorrent kellu access ghal Qorti, u ghalhekk id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq ma giex lez, ghaliex kien intavola rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati li kienet qed tisma' l-kawza kontra ir-ragel ta' bintu, u li ordnat il-konfiska, u kisbeb ir-rilaxx tal-maggior parti tal-flus konfiskati, u skont l-intimati, dan juri li r-rikorrent kellu access ghal qorti.

Il-Qorti ma taqbel xejn ma dan l-argument. Il-fatt illi r-rikorrent rnexxilu jikseb lura l-maggior parti tal-flus konfiskati, m'huwa bl-ebda mod dovut ghal fatt illi l-ligi promulgata mill-Istat tipprotegi d-dritt tar-rikorrenti, u persuni ohra fl-istess sitwazzjoni tieghu ghal smiegh xieraq, izda huwa frott tal-ghaqal tal-Qorti tal-Magistrati li kienet lesta li tisma' u tiddetermina r-rikors tieghu minkejja li ma kellha l-ebda obbligu li taghmel dan.

Huwa car mill-gurisprudenza hawn fuq citata illi sabiex jista' jinghad li jkun hemm dritt ghal access ghal qorti li hu prattiku u effettv; irid ikun hemm certezza legali fuq ir-rimedju li ghalih l-individwu jista' jirrikorri; tal-procedura preciza biex jikseb dan ir-

rimedju ghalih, cioe sistema legali cara u accessibli tal-procedura miftuha ghal otteniment ta' rimedju ghad-dritt civili tac-cittadin. **F'dan il-kaz, il-Kummissarju tal-Pulizija stess ammetta, u dan gie accettat mill-Avukat Generali, li tali sistema ma tezistix ghal persuni fl-istess posizzjoni tar-rikorrent.**

Il-fatt illi r-rikorrent rnexxilu jikseb ir-rilaxx tal-maggior parti tal-flus konfiskati ma jfissirx illi r-rekwiziti hawn fuq imsemmija gew sodisfatti. Ta' min jiftakar illi l-Qorti tal-Magistrati li tkun qed tisma' l-kawza kriminali m'hijiex marbuta li tisma' u tiddetermina rikorsi ntavolati minn terzi persuna ghar-rilaxx tal-proprjeta taghha allegatament konfiskata erronjament, ghaliex m'hemm ebda provvediment tal-ligi li jipprovdi ghal tali procedura. Il-fatt illi m'hemmx procedura stabbilita fil-ligi li tapplika ghall-kazijiet bhal dak de quo, jfisser illi m'hemmx sistema li hija sufficjentement cara u accessibli li toffri c-certezza legali rikjesta sabiex individwu, f'din is-sitwazzjoni, ikun jaf bic-certezza mistennija x'inhuma r-rimedji disponibbli ghalih u b'liema mod jista' jaghmel uzu minnhom.

Apparti minn hekk, il-ligi vigenti tohloq sitwazzjoni ta' disparita bejn terzi persuni illi tkun giet konfiskata lilhom proprjeta mmobbli u terzi persuni li tkun giet konfiskata lilhom propreta mobbli. Kif jidher mill-kaz tar-rikorrenti, huwa ma kellux mezz biex jappella d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati halli jipprova jikseb ukoll ir-rilaxx tal-bqija tal-flus li baqghu konfiskati, filwaqt li persuni li jinghataw dritt ta' azzjoni mill-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 ghandhom dritt ukoll jintavolaw appell jekk ma jaqblux mas-sentenza tal-Qorti.

Inoltre, il-Qorti tqis illi l-kawza kriminali fejn ikun jinsab mixli l-akkuzat, mhiex l-forum idoneju sabiex terza persuna tikseb ir-rilaxx ta' oggetti konfiskati minhabba dik il-kawza. Il-proceduri kriminali li jkunu ghaddejin fil-konfront tal-akkuzat m'ghandhomx jigu interrotti minhabba tali kwistjonijiet, ghaliex wara kollox, l-akkuzat ghandu dritt ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli. Pero kull t-terza persuna li ssofri konfiska tal-proprieta' mobbli taghha ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta, ghandha jkollha dritt indaqs tal-persuni l-ohra msemmija fl-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101, li tressaq l-pretensjoni taghha, sorretta minn kwalunkwe prova li jista' jkollha, u dritt li taghmel s-sottomissjonijiet necessarji. L-Istat minn naha l-ohra ghandu jkollu mezz li jirribatti dawn il-pretensjonijiet biex jigi assigurat illi proprjeta attwalment

provenjenti mill-kommissjoni ta' reati ta' droga tibqa' hekk kkonfiskata favur l-Istat. Il-Qorti tqis obiter li dan m'ghandux jkun a skapitu tad-dritt tal-akkuzat ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli, u ghalhekk lil-Istat ghandu jipprovdi procedura sabiex terzi persuni jkunu jistghu jiksbu r-rilaxx ta' proprjeta mobbli taghhom, li tkun giet konfiskata ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, - procedura li tkun distinta u separata mill-proceduri kriminali fil-konfront tal-akkuzat.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tikkonkludi li r-rikorrent sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq garantit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u dan billi s-sistema legali ma taghtix access ghal qorti ghal terzi persuni li tkun giet lilhom kkonfiskata proprjeta mobbli fi proceduri kriminali ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Rigward id-dritt ghal proprjeta**

Illi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jiddisponi li:

Ebda proprjeta' ta' kull xorta ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq propjeta ta kull xorta li tkun m'ghandu jigi miksub b'mod obbligatorju. Teħid obbligatorju ta' proprjeta' jew ta' interessi fiha jista' jsir biss fejn hemm dispożizzjoni ta' ligi applikabbli li tagħti kumpens xieraq għal tali teħid, li tagħti jedd ta' access lil tribunal indipendenti u imparzjali li jiddetermina l-jedd fuq il-proprjeta' hekk meħuda u l-kumpens xieraq, u li tiżgura jedd ta' appell lill-Qorti tal-Appell. L-artikolu 37 ma japplikax f'għadd ta' cirkostanzi oħra msemmija fis-subartikolu (2) tiegħu, fosthom meta t-teħid obbligatorju jkun sar fl-eżekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati, ai termini tal-Artikolu 37 (2) (b).

Illi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol fih tliet regoli. L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal- ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pieni. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u

tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunita' u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-Istat.[2]

Illi, fuq kollox, l-imsemmija tliet regoli tal-artikolu 1 huma msenslin waħda mal-oħra u għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid f'idejh għall-għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjeta' demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi.[3]

Dan l-Artikolu jirreferi għall-interess pubbliku jew generali, u mhux għas-skop pubbliku, u huwa dan il-kriterju tal-interess li huwa l-qofol u jħoll u jorbot jekk għemil jiksirx dak l-artikolu konvenzjonali.[4] Il-kejl biex jitqies jekk tali interess pubbliku jew generali, f'għemil partikolari instabx, huwa il- :

> ***"fair balance ... between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1'.***[5]

Illi huwa stabilit li biex indħil fit-tgawdija tas-sid jkun gustifikat fl-interess generali, irid jintwera li hemm utilita' konkreta għal dak l-indħil, u mhux semplici ipotesi ta' bżonn jew aspirazzjoni.[6] Minbarra dan, l-interess generali jew pubbliku għandu jibqa' jseħħ għaż-żmien kollu tal-indħil fit-tgawdija tal-gid tal-persuna.[7]

---

2 Mario Falzon vs Direttur Generali Dwana et, Prim'Awla tal-Qorti Kostituzzjonali, Rikors ghal Referenza Kostituzzjonali numru 37/2013 (23 ta' Ottubru 2014).

3 *Idem.*

4 Mousu' vs Direttur tal-Lottu Pubbliku et, Qorti Kostituzzjonali (6 ta' Ottubru 1999).

5 Sporrong and Lonnroth v. Sweden, ECHR 7151/75 (23 ta' Settembru 1982) par. 69.

6 Cachia vs Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali (28 ta' Dicembru 2001).

7 Francis Bezzina Wettinger vs Kummissarju tal-Artijiet, Qorti Kostituzzjonali (10 ta' Ottubru 2003)

Jinsab accettat fil-gurisprudenza illi:

> ***"...s-setgħa tal-Istat li jindaħal biex b'ligi jikkontrolla l-użu tal-gid taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll hija setgħa wiesgħa u diskrezzjonali. Dejjem jibqa' l- ħtiega li jintwera (mill-istess Stat) l-interess generali u l- bilanc xieraq bejn l-interessi tal-individwu u dak tal-komunita', imma l-għadd ta' kontrolli dwar l-użu li jistgħu jinħolqu jinfirex f'bosta oqsma."***[8]

Kif jidher mill-gurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, wahda minn dawn l-oqsma fejn huwa permissibli ghall-Istat li jikkontrolla l-uzu tal-gid permezz ta' xi ligi huwa proprju fil-kamp penali.[9] L-istess Qorti irriteniet illi:

> **"a confiscation measure, even though it does involve a deprivation of possessions, constitutes nevertheless control of the use of property within the meaning of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1."** [10]

Inoltre, kif spjegat mill-awturi **Van Dijk, van Hoof, Van Rijn u Zwaak:**

> ***"...as this provision is to be construed in the light of the general principle enunciated in the first sentence of the first paragraph, there must exist a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised. In striking the fair balance thereby required between the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights, the authorities enjoy a wide margin of appreciation. ... Generally speaking, the fair balance will be lacking where the applicant has to bear an individual and excessive burden. ... As concerns the 'general interest' aim of the interference,***

8 Il-Pulizija vs Anthony Seychell, Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rikors ghal Referenza Kostituzzjonali numru 44/2004 (5 ta' Mejju 2005)

9 Vide inter alia, Allgemeine Gold-und Silberscheideanstalt vs U.K., ECHR 9118/80 (24 ta' Ottubru 1986) par. 49-51.

10 Riela et vs Italy, ECHR 52439/99 (4 ta' Settembru 2001).

> ***the Court, accepting a wide margin of appreciation, has stated that 'it will respect the legislature's judgement as to what is in the general interest unless that judgment be manifestly without reasonable foundation'. Thus, a wide variety of aims have been considered to be in the public interest ... Various factors may play a role in the proportionality test. The Court has, for example, on occasion referred to the fact that avenues of judicial review of the contested measures had been available to the applicant."***

Fir-rigward tas-sentenza fl-ismijiet Emanuel Ciantar vs l-Avukat Generali citata mir-rikorrent, il-Qorti ma taqbilx mal-argument minn sollevat illi din is-sentenza kienet titratta kaz identiku ghal dan. Dan ghaliex dik is-sentenza titratta sitwazzjoni fejn il-ligi stess tikkontempla il-konfiska ta' vettura li m'hijiex tal-akkuzat, izda tappartjeni lil wahda mill-persuni imsemmija fil-provvediment relattiv, u ghalhekk hija l-ligi stess li tipprovdi ghal piena ta' individwu li bl-ebda mod ma kien mixli jew misjub hati ta' reat. Fil-kaz tal-Kapitolu 101, il-ligi ma taghmilx dan, ghaliex tipprovdi biss ghal konfiska ta' proprjeta tal-akkuzat provenjenti mill-kommissjoni ta' reat (anke jekk din tkun lahqet ghaddiet ghand terzi persuni fil-frattemp). Fil-kas in ezami l-konfiska tal-flus in kwistjoni saret biss ghaliex l-akkuzat fil-kawza kriminali kien joqoghod mar-rikorrent, (li jigi missier il-mara tieghu). Ghalhekk il-pulizija elevaw dak kollu li sabu fid-dar tal-missier (ir-rikorrenti) li kien konness mar-reat ta' traffikar tad-droga ghal liema reat kien gie investigat ir-ragel ta' bint ir-rikorrent. Il-ligi ma tipprovdix *"blanket confiscation"* tal-proprjeta ta kull min jirrisiedi mal-hati.

Din il-Qorti taghraf illi mizuri ntizi ghal konfiska ta' profitt u proprjeta provenjenti minn reati relatati mat-traffikar tad-droga huma mizuri fl-interess pubbliku. L-intimati minn naha taghhom kien jehtiegilhom juru f'dan il-kaz, illi fid-deprivazzjoni tas-somma flus in kwistjoni sofferta mir-rikorrent, (li mhux kontestat li kien la mixli u lanqas misjub hati ta' xi reat taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) intlahaq bilanc xieraq bejn il-mizuri mehuda mill-Istat u l-ghan illi l-Istat ried jilhaq.

Fil-fehma tal-Qorti sistema li ma taghtix dritt ta' azzjoni lil terzi persuni sabiex jiksbu r-rilaxx ta' proprjeta taghhom konfiskata mal- proprieta' tal-hati ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ma tilhaqx bilanc gust u ekwu bejn l-interess tal-Istat fil-

glieda kontra d-droga u d-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Il-Qorti tinnota illi fil-kamp privat, fejn terza persuna li m'hijiex id-debitur tkun giet privata minn proprjeta taghha wara mandat ta' qbid intavolat minn kreditur, mhux biss tinghata dritt ta' azzjoni biex tikseb il-proprjeta taghha lura, izda il-procedura saret iktar accessibbli u spedita, bl-ahhar emendi. Il-Qorti ghalhekk tifhem li l-Istat jehtiegu jassigura li terzi persuni li jkunu soffrew intortament konfiska tal-oggetti taghha ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta, ikollhom rimedju adegwat sabiex ikunu jistghu jiksbu lura l-oggetti taghhom.

Ir-rikorrenti f'dan ir-rigward ghamel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti ta' Strasbourg fl-ismijiet **Denisova and Moiseyeva v. Russia** deciza fl-1 ta' April 2010, filwaqt li l-intimati jikkontestaw l-applikabbilita ta' din is-sentenza billi jargumentaw illi din ma kienetx titratta l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti taqbel illi din is-sentenza ma kienetx titratta dan l-artikolu; Ezami tal-fatti speci ta' dawn iz-zewg kawzi jqieghed s-sistema legali Maltija f'qaghda xejn lodevoli. Fil-kawza ta' Denisova and Moiseyeva jirrizulta illi minkejja l-ligi domestika kienet tipprovdi rimedju ghal terzi, mhux parti fil-proceduri, biex jikkontestaw il-konfiska tal-proprjeta, instabet vjolazzjoni tad-dritt ghal proprjeta mill-Qorti ta' Strasbourg proprju ghaliex il-Qrati Civili Russi, minflok ghamlu exami indipendenti tal-fatti, sempliciment irreferew ghas-sentenza tal-Qorti Kriminali. *Multo magis* ghalhekk jirrizulta vjolazzjoni tad-dritt ghal proprjeta f'din il-kawza meta s-sistema legali lanqas biss tipprovdi dritt ta' azzjoni ghal terzi li ma jkunux parti mill-proceduri kriminali sabiex jikkontestaw ordni ta' konfiska fuq il-propjeta mobbli taghhom.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li r-rikorrenti sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal proprjeta ai termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem.

**Rimedju xieraq**

F'dan il-kaz, mid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati tal-15 ta' Mejju 2009 jirrizulta illi l-Prosekuzzjoni kienet Registrat li hija ma kellha ebda oggezzoni ghar-rilaxx tas-somma tal-flus illi r-rikorrent jikkontendi illi huma tieghu. Fid-dawl ta' dan il-Qorti tqis

ghalhekk illi jkun gust li bhala kumpens ghal lezjoni tad-dritt ghal proprjeta tar-rikorrenti, huwa jinghata s-somma ta' €2,170, u cioe l-ammont li ma giex rilaxxat mill-Qorti tal-Magistrati. Il-Qorti taghraf illi dan ikun kumpens xieraq ghar-rikorrent. Inoltre il-Qorti tqis li m'huwiex il-kaz illi r-rikorrenti jinghata kumpens morali ghal vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, stante li jidher li l-lanjanza tieghu giet rimedjata pienament.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati, tilqa' t-talbiet tar-rikorenti, tiddikjara illi sofra lezjoni tad-drittijiet sanciti taht l-Artikolu 6 u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, tillikwida d-dannu soffert minnu b'kawza ta' dan fis-somma ta' elfejn, mija u sebghin ewro (€2,170) u tordna lill-intimati ihallsa l-istess somma ta' elfejn, mija u sebghin ewro (€2,170), bl-imghax dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tal-intimati.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**